MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 958/2008

**Aquatess Marketing Limited (C33435)**

**vs**

**Joe Camilleri (ID 55348)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ seba’ mija u tnejn u ghoxrin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€722.24), rapprezentanti prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta’ Awissu, 2008, u tal-ittra legali tas-26 ta’ Novembru, 2008, u bl-imghax tat-8% fuq €722.24 mill-4 ta’ Awissu, 2008, sal-hlas effettiv u inkluz €23.30 konsult, konta l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' seba' mija u tnejn u ghoxrin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€722.24), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------